**26 ta' Frar, 1993**

**Imħallfin: –**

**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D. – Aġent President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Anton Depasquale B.A., LL.D.**

Il-Qorti

*versus*

L-Aġent Reġistratur

## Disprezz lejn l-Awtorità tal-Qorti

*Minn eżami akkurat tad-deċiżjoni appellata ma jirriżultax li l-ewwel Qorti ċċitat l-artikolu tal-liġi li taħtu hija kienet qiegħda ssib lill-Aġent Reġistratur ħati għal disprezz lejn l-Awtorità tagħha. Minn dan l-artikolu, kieku ġie ċċitat, il-Qorti kienet tkun tista' tinferixxi liema disprezz l-ewwel Qorti kienet qiegħda tirritjeni li wriha l-appellant; dan billi l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fih diversi artikoli li jikkontemplaw fattijiet differenti li jammontaw għal disprezz lejn l-Awtorità tal-Qorti u jikkominaw pieni differenti skond il-każ.*

*Minħabba dan in-nuqqas ukoll il-Qorti ma tistax tiddeċidi jekk id-deċiżjoni appellata hiex fil-fatt appellabbli jew le billi skond l-artikolu 1003(1) tal-Kodiċi ċċitat m'hemmx appell minn sentenzi mogħtija taħt l-artikoli 990 u 991.*

*Dan kollu jġib miegħu n-nullità tad-deċiżjoni appellata.*

Il-Qorti: –

Rat id-digriet mogħti mill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla fil-11 ta' Ġunju, 1990, wara s-sentenza fiċ-ċitazzjoni nru. 1211/89 fl-ismijiet fuq premessi, li bih il-Qorti wara li kkusnidrat l-aġir ta' l-Aġent Reġistratur fir-rigward tad-dewmien li n-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur fil-kawża fl-ismijiet fuq premessi, ħadet biex ġiet għandha – immultat lill-Aġent Reġistratur is-somma ta' Lm10 u lis-Sur Leslie Gatt is-somma ta' Lm5 u dan billi huma t-tnejn *"per vie d'ommissione"* ħatja ta' disprezz ta' l-Awtorità tal-Qorti u ordnat lill-istess Aġent Reġistratur li jibgħat lill-Onor. Ministru tal-Ġustizzja n-nota tal-25 ta' Mejju, 1990, ta' Dr. Tonio Mallia, id-digriet tal-Qorti tat-30 ta' Mejju, 1990, in-nota bla data ta' l-Aġent Reġistratur wara dak id-digriet, u l-preżenti ordinanza – għall-informazzjoni tiegħu u għall-aħjar amministrazzjoni tal-parti amministrattiva fil-funzjonijiet tal-poter ġudizzjarju f'pajjiżna;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-istess Aġent Reġistratur tal-Qorti ppreżentat f'din il-Qorti fit-13 ta' Ġunju, 1990, li bih talab bir-rispett, li din il-qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija tal-11 ta' Ġunju, 1990, billi tilliberah minn kull ħtija u l-ħlas ta' għaxar liri (Lm10) multa fuq imsemmija;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi minn eżami akkurat tad-deċiżjoni appellata ma jirriżultax li l-ewwel Qorti ċċitat l-artikolu tal-liġi li taħtu hija kienet qiegħda ssib lill-Aġent Reġistratur ħati għal disprezz lejn l-Awtorità tagħha. Minn dan l-artikolu, kieku ġie ċċitat, il-Qorti

kienet tkun tista' tinferixxi liema disprezz l-ewwel Qorti kienet qiegħda tirritjeni li uriha l-appellant. Il-Qorti ma tistax tinferixxi dan mill-fatt li l-appellant kien ġie kkundannat Lm10 multa għal disprezz lejn l-Awtorità tal-Qorti u dan għaliex il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fih diversi artikoli li jikkontemplaw fattijiet differenti li jammonta għal disprezz lejn l-Awtorità tal-Qorti u jikkomminaw pieni differenti skond il-każ;

Għalhekk – kif ġà qalet fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Ġunju, 1987, fir-rikors ta' l-Avukat Anzjan tar-Repubblika Dr. Silvio Camilleri fl-atti tal-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija *vs* Joseph Said" – dan kollu jġib bħala konsegwenza li l-ewwel Qorti ma osservatx wieħed mir-rekwiżiti ta' "sentenza" kkontemplat fl-artiklu 218 tal-Kodiċi fuq iċċitat. Minħabba dan in-nuqqas ukoll il-Qorti ma tistax tiddeċidi jekk id-deċiżjoni appellata hiex fil-fatt appellabbli jew le billi skond l-artikolu 1003(1) tal-Kodiċi ċċitat m'hemmx appell minn sentenzi mogħtija taħt l-artikoli 990 u 991 u kwindi dawn jistgħu jiġu esegwibbli minnufih. Fil-fehma tal-Qorti dan kollu jġib miegħu n-nullità tad-deċiżjoni appellata;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi tilqa' l-appell ta' l-Aġent Reġistratur u tiddikjara d-deċiżjoni appellata ta' l-ewwel Qorti tal-11 ta' Ġunju, 1990, irrita u nulla għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.